MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Numru. 231/2007

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca u Sp Anthony Agius)
vs
Christian Fenech, iben Victor, imwieled Pieta’ fit-22 ta’ Ġunju, 1985
u
Justin Fenech, iben Victor, imwieled Pieta’ fit-30 ta’ April, 1981

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli fl-10 ta’ Marzu, 2007 għal ħabta tas-6.30 p.m. ġewwa s-St. Philip Pharmacy, Triq iċ-Ċeppun, Għaxaq:
1. ikkomettew serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-elf

lira maltin, li sar għad-dannu ta' Francis Dalli, Maryanne Dalli u/jew ta' persuni oħra;
2. bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Lorna Marie West kontra l-volonta' tagħha;
3. fil-waqt li kienu qed jagħmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq, kellhom fuqhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
4. ġarrew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;
lil Christian Fenech, waħdu -
5. talli rrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li ġie misjub ħati permezz ta' sentenza tas-16 ta' Ġunju, 2004 mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-9 ta' Mejju, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub, fil-konfront taż-żewġ imputati:
a. fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(f), 262, 263, 267, 270, 275, 277, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 86 u 87 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 13, 19 u 26 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta; u
d. fl-artikoli 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Diċembru, 2008 fejn l-imputat taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok, għandu jiġi rilevat li dwar dan il-każ saret inkjesta bil-Maġistrat.  Mill-atti ta' l-inkjesta jirrizulta li l-Maġistrat Inkwirenti kien qabbad espert biex janalizza dak li ġie elevat mis-'scene of crime officers' b'referenza partikolari għall-filmati tac-'CCTV cameras' li kien hemm barra u ġewwa l-ispizerija.  Meta l-espert ġie mitlub jeżebixxi r-relazzjoni tiegħu hu xehed li ma ġiex infurmat mill-pulizija bl-inkarigu tiegħu.

Illi fit-tieni lok, għandu jiġi rilevat li uffiċjal tal-pulizija eżebixxa fl-atti ta' din il-kawża DVD u 'stills' meħuda miċ-CCTV cameras ta' l-ispizerija.  Jiġi rilevat li dan l-inkarigu kellu jkun espleta mill-espert nominat mill-Maġistrat Inkwirenti u mhux minn dan l-uffiċjal partikolari li esegwixxa ordni ta' superjur tiegħu.  Kwalunkwe kumment ieħor hu żejjed u wieħed għandu jittama li tali nċidenti ma jirrepetux ruħhom.

Illi fil-meritu ta' dan il-każ jirrizulta li fl-10 ta' Marzu, 2007 għal ħabta tas-6.30 p.m. raġel mgħammad daħal fl-ispizerija li jisimha St. Philip li tinsab fi Triq iċ-Ċeppun, Ħal-Għaxaq.  Il-bieb ta' l-ispiżerija kien magħluq u kienet l-ispiżjara stess li fetħet il-bieb b''electric switch'.  Hu daħal u hedded lill-ispiżjara b'mus, ordnalha tiftaħ il-'cash register' u ħataf il-flus li kien hemm.  L-ammont misruq kien ta madwar Lm200.  Hu telaq minn fuq il-post fi ftit sekondi.  Fil-fatt dan il-'hold up' ma damx aktar minn minuta jew tnejn.  Jiġi rilevat li dak il-ħin fl-ispiżerija ma kienx hemm nies u kienet ġurnata kiesħa.  L-ispiżjara xehed li hi ma ndunatx li dik il-persuna kienet mgħammda peress dak in-nar kienet il-kesħa u għalhekk ma tatx każ.

Illi wara dan l-inċident, l-ispiżjara nfurmat lis-sidien ta' l-ispiżerija u lill-pulizija.  Meta l-pulizija marru fuq il-post u raw il-filmati taċ-CCTV cameras ta' l-ispiżerija ndunaw li l-raġel li wettaq dan il-'hold up' apparti li ma kienx jintgħaraf kien liebes zarbun b'faxxa bajda.  Minbarra dan, irrizulta li dan ir-raġel ma kienx waħdu iżda kien hemm raġel ieħor barra li kien miegħu.

Illi fil-waqt li l-pulizija kienu fuq il-post għadda ċertu Noel Micallef li ndika lill-pulizija li l-imputati kienu fil-viċinanżi ta’ l-ispiżerija ftit qabel ma seħħ id-delitt.
L-Ispettur Anthony Agius li kien jaf lill-familja ta’ l-imputati, minn inċidenti preċedenti, mar id-dar tagħhom. Hu sab lill-ġenituri tagħhom u ftit wara ġew iż-żewġ imputati flimkien. Ġie osservat li l-imputat Christian Fenech kien liebes par zarbun simili għal dak li deher fil-filmati u ġakketta simili (ġakketta tal-jeans bl-għonq bil-fur) għal dik li kien liebes ir-raġel li kien barra l-ispiżerija. Fuq l-iskorta ta’ dawn l-indiżżji l-pulizija għamlet tfittxija fil-kamra tas-sodda ta’ l-imputati. Hemmek instabu żewġ skieken u ‘butterfly knife’ u xalla sewda li kienet simili għal dak li deher fil-filmati.

Illi fuq l-iskorta ta’ dak li ntqal hawn fuq l-imputati ġew akkużati bit-twettiq ta’ dan il-‘hold up’.

Illi ż-żewġ imputati dejjem ċaħdu li kienu nvoluti f’dan ir-reat. Huma qalu li fil-ħin tar-reat kienu għand il-kuġin tagħhom, Duncan Buttigieg. Hu offra x-xhieda tiegħu iżda x-xhieda tiegħu ma titfa ebda dawl la favur wisq anqas kontra ta’ fejn kienu l-imputati fil-ħin tar-reat.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti għalkemm il-pulizija offrew indizzji validi li minnhom tista’ tinsab il-ħtija ta’ l-imputati, il-grad ta’ prova rikjest mill-liġi ma ġiex milħuq. Fuq l-iskorta tal-provi prodotti, wieħed jista’ jasal għal konvinzjoni morali li l-imputati wettqu dan ir-reat, iżda fil-kamp penali dan mhux bizzejjed u għanda tinsab il-ħtija mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni.

Għaldaqstant, minħabba nuqqas ta’ provi ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------